MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 754/2009

**Mobisle Communications Limited (C24665)**

**vs**

**Mizzi Herman (ID 263448M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Settembru 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef mitejn u hdax-il euro u hamsin centezmu (€3211.50) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra illi fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2010, deher il-konvenut Herman Mizzi li ammetta t-talbiet attrici b'dan pero` illi talab illi jinghata l-possibbilita` li jhallas f'rati fissi perjodikament.

Ikkunsidra l-ammissjoni u l-fatt illi t-Tribunal ma jistghax, gia la darba ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet, illi jordna l-hlas f'rati perjodici.

**Ghaldaqstant**, fuq amissjoni tal-istess konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef mitejn u hdax-il euro u hamsin centezmu (€3211.50), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------